**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (30)

Il-ġimgħa l-oħra slitna xi siltiet miż-żewġ intervisti li jien kont għamilt lis-Sammy Busuttil fiż-żmien li kien president tal-Għaqda tar-Regatta kif ukoll president tal-club tar-Regatta ta' Bormla. Peress li dawn l-intervisti saru bejn l-1985 u l-2000, jien qed nipprova nislet siltiet interessanti ħafna li jagħtuna tagħrif dwar il-ħidma tal-Għaqda tar-Regatta, u fit-tentattivi tagħha biex isir titjib fl-organizzazzjoni u t-tmexxija tar-Regatta in ġenerali. Inkomplu fejn ħallejna l-ġimgħa l-oħra:

*Sammy, aktar qabel semmejna lil Matty Grima li kien ħajrek biex tidħol magħhom fil-kumitat ta' Bormla - ikun korrett jekk ngħid li int ilek assoċjat mal-club tar-Regatta ta' Bormla mis-snin 60?*

"Iva, jien ilni membru tal-Kumitat ta' Bormla mill-1961, u kif għedtlek bdejt bħala segretarju fi żmien Matty Grima. Dak iż-żmien kelli miegħi lil Charlie Azzopardi - is-segretarju preżenti, u wara xi snin il-membri ħatruni president.

"Fi żmieni armajna d-distrett bl-aħjar qaddiefa, u l-l-ewwel suċċess tagħna kien fl-1968, meta konna rbaħna x-Shield, imbagħad komplejna fl-1971, u wara b'aktar suċċessi.

"Għal bosta snin aħna iddominajna tista' tgħid kull korsa! Fil-fatt aħna rbaħna x-Shield 16-il darba, u għalhekk tista' timmaġina x'qawwa kbira konna f'dawn it-tiġrijiet. Kulħadd jaf li aħna kull sena nkunu armati tajjeb f'kull kategorija bl-aħjar qaddiefa possibbli - l-għan tagħna dejjem ikun li nirbħu x-Shield."

*Fl-1979 bdiet issir ir-Regatta tal-31 ta' Marzu – Kienet tiġrija ġdida li kienet titmexxa fuq ir-regolamenti tar-Regatta Nazzjonali, iżda oriġinalment l-għan u l-iskop tagħha kien differenti minn dik tal-Vitorja... x'tista' tgħidli dwar din it-tiġrija.*

"Għal bidu kien hemm differenza kbira bejn iż-żewġ tiġrijiet – meta nħolqot it-tiġrija ta' Jum il-Ħelsien l-għan tagħha kien li fiha jieħdu sehem qaddiefa dilettanti, biex b'hekk kull club dejjem ikollu qaddiefa ġodda.

"Fil-fatt, fil-bidu tagħha, din it-tiġrija ma kinitx kompettitiva bħalma hi llum. Jien ukoll kont involut fiha tista' tgħid minn qabel ma bdiet. Niftakar kien ċempilli Ġorġ Zahra u qalli li l-Prim Ministru (dak iż-żmien Mintoff) xtaq li tibda ssir tiġrija tad-dgħajjes fid-daħla ta' bejn l-Isla u l-Birgu. Kienet saret l-ewwel darba tard filgħaxija f'Jum il-Ħelsien, u din it-tiġrija kienet tmexxiet mill-Għaqda tar-Regatta. Wara xi snin, ġiet introdotta x-Shield u għalhekk saret tiġrija kompettitiva bħal tal-Vitorja.

"Meta saru l-pontoons, ma stajniex inkomplu norganizzawha f'Dockyard Creek u bdiet issir fil-kanal fejn issir ir-Regatta Nazzjonali....

*Fiż-żmien il-provi tisma' ħafna tgergir fost il-partitarji. Ħafna minnhom isostnu li ħafna mit-taħriġ mhux qed isir fil-viċinanza tal-maħżen tar-Regatta iżda fil-kanal ... taħseb li dan it-tgergir huwa ġustifikat?*

"Iva. Jien naqbel li l-provi jsiru fil-viċinanza tal-club imbagħad jidħlu fil-kanal fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu kif kien isir qabel. Jekk isir hekk, jien nemmen li jkun ta' fejda kbira għal kull club li jieħu sehem f'dawn it-tiġrijiet, għax jiżdiedu l-partitarji u r-Regatta terġa' tikseb dik il-popolarità li sfortunatament fi żmienna naqset ħafna.

"Hemm bżonn li l-gvern jgħin biex dan l-iskop jintlaħaq jekk tabilħaqq jixtieq li din it-tradizzjoni antika tibqa' ħajja fost il-poplu tagħna. Barra minn hekk jien nitlob lil Gvern jgħin finanzjarment lill-clubs kollha tar-Regatta għax l-ispejjeż biex iżżomm club tar-Regatta miftuħ is-sena kollha, u l-manutenzjoni kemm tal-opri kif ukoll tal-club huma kbar ħafna.

*X'qed isir min-naħa ta' l-Għaqda tar-Regatta biex ir-Regatta Nazzjonali tibqa' l-Isport ewlieni tat-8 ta' Settembru, u li f'dan il-jum ma jsirx sports ieħor bħalma kien isir fl-imgħoddi?*

"Aħna dejjem ippruvajna, iżda jgħidulna li kull għaqda sportiva hi awtonoma u għandha dritt li torganizza l-attivatijiet sportivi tagħha meta trid.

"Qabel , għar-Regatta tat-8 ta' Settembru kienu jattendu ħafna spettaturi għaliex ma kienx isir sport ieħor. Meta beda l-football, il-waterpoplo u t-tiġrijiet taż-żwiemel, id-dilettanti ta' dawn l-isports ma baqgħux jattendu r-Regatta u bdew imorru jsegwu l-isport favorit tagħhom. Aħna wkoll nieħdu daqqa lura, meta fil-Vitorja jkollna partiti tal-football li fihom ikunu involuti t-tliet timijiet tal-bliet tal-Kottonera.

"Bla dubju, min iħobb aktar il-football, jew iħoss li għandu jmur jissapportja lill-club tiegħu, jagħżel il-football mir-Regatta. Minħabba hekk, in-nies qed tonqos milli tattendi."

*Ilment ieħor li jissemma ta' kull sena hu d-dewmien ta' ħin bejn tiġrija u oħra ... dan id-dewmien ukoll qiegħed idejjaq ħafna partitarji li ta' kull sena qegħdin jqattgħu aktar minn ħames sigħat fix-xemx.*

"Veru li qed ikun hemm ħafna dewmien, iżda dan mhux tort tad-diriġenti tar-Regatta. Inti taf daqsi, li kważi f'kull edizzjoni jinqala' xi protest, u dan jieħu ħafna ħin biex jirrisolva ruħu. L-ewwel tgħajjat lir-rappreżentanti ta' min qed jagħmel il-protest, imbagħad lir-rapprenżentanti tad-distrett li kontra tagħhom ikun sar l-protest ... u wara jissejjaħ il-membru tal-ġurija li jkun fuq il-lanċa, imbagħad tkun trid tittieħed deċiżjoni miċ-Chief Judge - dan kollu jieħu ħafna ħin, allura bilfors li jintielef ħafna ħin u r-Regatta tieħu madwar ħames sigħat u aktar.

"Aħna bejn korsa u oħra suppost ma neħdux aktar min-nofs siegħa, irrispettivament kemm jieħdu ħin it-tiġrijiet, li jvarjaw minn erba' minuti u nofs sa seba' minuti. Biex jitnaqqas l-ħin żejjed waqt ir-Regatta, f'kull edizzjoni qegħdin jintiżnu biss id-dgħajjes tal-Pass tal-kategorija 'Open' .

*Sammy, ma jidherlix li f'kull Regatta qed ikun hemm ħafna tiġrijiet ...10 tiġrijiet kemm f'Marzu kif ukoll f'Settembru?.*

"Hekk hu, iżda kif taf, meta djieq il-kanal, il-clubs bdew jieħdu sehem b'dgħajsa waħda minflok it-tnejn tas-soltu. Kien sar suġġeriment li jsiru tiġrijiet oħra, fejn sena wara l-oħra bdew jiżdiedu xi tiġrijiet sakemm finalment saret kategorija tar-Reserves"

*Ma kienx hemm suġġeriment li biex jitnaqqas il-ħin tar-Regatta, kategorija Reserves tibda ssir f'Jum l-Indipendenza?*

"Dan is-suġġeriment sar, iżda ma ġiex milqugħ għaliex l-awtorità tal-Port ma aċċettax li jingħalaq il-Port il-Kbir biex isir ir-Regatta oħra.

*Biex jitnaqqas il-ħin tar-Regatta ma kienx sar suġġeriment ieħor, li titnaqqas kategorija tar-Reserves u minflokha n-numru ta' dgħajjes f'kull kategorija (mas-sitt dgħajjes tad-distretti) jiżdiedu tnejn oħra li jġibu l-aħjar ħin f'heats li jsiru għalihom ġimgħa qabel ir-Regatta?*

"Jien naf li sar dan is-suġġeriment, iżda naf ukoll li d-distretti ma qablux miegħu għax ħassew li b'hekk jitnaqqas iċ-ċans li aktar żgħażagħ jieħdu sehem fir-Regatta Nazzjonali. Jien naf ukoll li dan is-suġġeriment kien sar biex jeliminaw it-tbassir li normalment isir fost id-dilettanti dwar ir-rebħ tax-Shield, u anke biex kull Regatta tkun aktar kompettitiva u r-rebħ tax-Shield jibqa' nċert sal-aħħar. Sfortunatament kif għedtlek, b'din is-sistema, tonqos il-parteċipazzjoni ta' numru sabiħa ta' qaddiefa."

*Fl-aħħar ta' dawn l-intervisti Sammy dejjem għamel appell lill-qaddiefa u lill-partitarji ta' kull distrett; Nislet silta qasira mill-aħħar intervista:*

"Dawn it-tiġrijiet kulħadd għandu jeħodhom bi spirtu sportiv. Illum hemm seba' dstretti li se jieħdu sehem... rebbieħ wieħed ikun hemm - is-sitta l-oħra għandhom jaċċettaw it-telfa. Nittama li ma jkunx hemm inċidenti, għax dawn jagħmlu ħsara kbira lir-Regatta Nazzjonali ... tiġrijiet sportivi jagħtu pjaċir lil kulħadd, lilna bħala kumitati distrettwali li b'sagrifiċċju kbir nistinkaw ħafna biex nipparteċipaw kull sena bl-aħjar qaddiefa possibbli, lill-qaddiefa li jieħdu sehem fihom, l-ispettaturi li ta' kull sena jinżlu jaraw dawn it-tiġrijiet, u ma rridx ninsa wkoll lit-turisti li meta jmorru lura f'pajjiżhom jiftaħru kemm hija sabiħa t-tiġrija tradizzjonali tagħna fil-Port il-Kbir ...



Tiġrija sabiħa u akkanita ħafna - ħames dgħajjes tal-Midalji jissieltu għar-rebħ tal-palju fil-bidu tas-snin 70